MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 656/2011

**Medsea Shipping Agency Limited**

**vs**

**Arthur Ciancio**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tas-7 ta’ Lulju 2011 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza u Ragunijiet tat-Talba:

1. Illi il-kumpannija rikorrenti kienet ikkoncediet lill-konvenut Arthur Ciancio b'titolu ta' self is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000), liema ammont kellu jithallas lura sa mhux aktar tard mill-20 ta' Mejju, 2011;

2. Illi l-konvenut kien inter alia irrikonoxxa d-debitu in iskritt permezz ta' dokument datat is-16 ta' Mejju, 2011. Kopja annessa bhala dokument ‘A';

3. Illi ghadda l-20 ta' Mejju imma l-konvenut ma ghamel ebda hlas kif imwieghed;

4. Illi il-konvenut, minkejja bosta interpellazzjonijiet, baqa' ghal kollox inadempjenti u ma ghamel ebda hlas sal-gurnata tal-lum, dana minkejja bosta weghdiet min-naha tieghu;

5. Illi fil-fehma tal-esponenti, id-dejn dovut lill-kumpannija attrici huwa wiehed cert, likwidu u dovut lilha u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti ghat-talbiet attrici;

6. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbiet:

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, ighid ghaldaqstant il-konvenut ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tipprocedi billi tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) konsegwentement ghal self koncess lilu mill-attrici Medsea Shipping Agency Limited, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-istess somma Iill-attrici flimkien mal-imghax legali mill-jum tal-versament lilu tas-somma mislufa;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Gunju, 2011, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in nota ta' ammissjoni tal-konvenut ippresentata fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012 li biha ammetta it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-5 ta' Marzu 2012.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------